MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru 540/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Michael Mallia**
**vs**
**Daniel Grech**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Daniel Grech ta' 58 sena iben Edgar u Mary Anne nee' Guiliano mwieled B'Bugia fis-6 ta' Jannar 1950 u residenti fil-fond 'Milestone' Triq San Frangisk Tarxien, ID 89150M.**

**Akkuzat talli fid-9 ta' Settembru 2007 u fis-snin ta' qabel din id-data, rcieva jew iddetena propjeta' kulturali filwaqt li kien jaf li din kienet ttiehdet illegalment f'Malta jew li tkun gie llegalment esportata minn xi pajjiz.**

**Akkuzat ukoll talli ghamel attivita' jew inkella agixxa bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kap 445 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' regolarmenti maghmulin tahtu jew tal-kundizzjonijiet ta' licenzja jew permess mahrug taht l-istess Att, jew naqas milli jaghmel xi haga li kien mehtieg li jaghmel taht dan l-istess Att, regolament jew licenzja.**

**Rat l-atti kollha tal-process. Semghet kemm lill-ispettur prosekutur jispjega l-fatti u jaqra c-citazzjoni taht gurament u kif wkoll ir-rapprezentant tas-Superintendant of Cultural Heritage.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Ghal daqstant dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 53(1)(e) u 53(1)(b) tal-Kap 445 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Dwar il-piena, il-Qorti hasbet u kkunsidrat dan li gej. L-ewwel nett li l-imputat kkopera mal-pulizija to the full f'dak kollu li seta' jghin. It-tieni li dan ghamel ammissjoni bikrija. It-tielet, li l-fedina penali tieghu hija netta ghal kollox u r-raba' li sahansitra hallas minn butu stess l-ispejjez li kienu involuti sabiex din il-milestone tittiehed lura ghand il-Gvern. Meta qieset dan kollu, il-Qorti flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tletin xahar millum.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**Qeghda wkoll ghal kull buon fini tikkonfiska l-milestone favur il-Gvern Malti.**

**Il-Qorti qed tibghat l-atti ghand l-Avukat Generali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------